



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

26 ta' Mejju 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni ta’ merkanzija — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 8710 u subintestatura 9305 91 00 — Nota 3 tat-Taqsima XVII u Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 93 — Tankijiet u vetturi korazzati tal-ġlied — Armi tal-gwerra — Klassifikazzjoni ta’ sistema ta’ turretta”

Fil-Kawża C-262/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva, l-Awstrija), permezz ta’ deċiżjoni tad-19 ta’ Mejju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta’ Ġunju 2015, fil-proċedura

GD European Land Systems – Steyr GmbH

vs

Zollamt Eisenstadt Flughafen Wien,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, E. Juhász u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġeneral: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal GD European Land Systems – Steyr GmbH, minn P. Csoklich u R. Schneider, Rechtsanwälte,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tan-Nota 3 tat-Taqsima XVII u tan-Nota 1(ċ), tal-Kapitolu 93 tan-Nomenklatura Magħquda fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-tariffa doganali komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), fil-verżjoni li tirriżulta mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013, tal-4 ta' Ottubru 2013 (ĠU 2013, L 290, p. 1) (iktar 'il quddiem in-“NM”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn GD European Land Systems – Steyr (iktar 'il quddiem “GD”) u z-Zollamt Eisenstadt Flughafen Wien (uffiċċju doganali ta’ Eisenstadt Flughafen Wien, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem l-“uffiċċju doganali”), dwar il-klassifikazzjoni ta’ sistema ta’ turretta (stazzjon tal-armi *Multi Gun Turret System*), fi ħdan in-NM.

Il-kuntest ġuridiku

In-NM

- 3 Il-klassifikazzjoni doganali tal-merkanzija importata fl-Unjoni Ewropea hija rregolata min-NM.
- 4 L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2000, tal-31 ta’ Jannar 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 357), jipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea għandha, kull sena, tadotta regolament li jirriproduċi l-verżjoni kompluta tan-NM u tar-rati awtonomi u konvenzjonali tad-dazji tat-tariffa doganali komuni relatati, kif tirriżulta mill-miżuri adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni. L-imsemmi regolament għandu jiġi ppubblikat mhux iktar tard mill-31 ta’ Ottubru f’*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea* u għandu japplika mill-1 ta’ Jannar tas-sena sussegwenti. Mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-verżjoni tal-NM applikabbi għall-fatti fil-kawża prinċipali hija dik għas-sena 2014, li tirriżulta mir-Regolament Nru 1001/2013.
- 5 Is-Sejjjoni A, intitolata “Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda” li tinsab fit-Taqsima 1 taħt “Regoli ġenerali”, fl-ewwel parti tal-NM dwar “Dispożizzjonijiet preliminari”, tipprovi b'mod partikolari li:

“Il-klassifikazzjoni ta’ ogħetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin.

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta’ referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta’ kwalunkwe taqsima jew kapitlu relativ u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin. [...]
- 6 In-nota 2(ii) u n-nota 3, li jinsabu fit-Taqsima XVII, intitolata “Vetturi, biċċiet tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat”, fit-tieni parti tal-NM, taħt “Skeda ta’ Dazji tad-Dwana”, jipprovdu kif ġej:

“2. L-espressjonijiet “partijiet” u “partijiet u aċċessorji” ma japplikawx għal dawn l-ogħetti, kemm jekk huma identifikabbi għall-ogħġetti ta’ din it-taqSIMA kif jekk le: [...]”

ijj) armi (Kapitolu 93);

[...]

3. Riferenzi f'Kapitlu 86 sa 88 għal “partijiet” jew “aċċessorji” ma japplikawx għal partijiet jew aċċessorji li ma humiex tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-oġġetti ta’ dawk il-kapitli. Parti jew aċċessorju li jaqbel ma’ tifsira fi tnejn jew aktar mit-titli ta’ dawk il-kapitli għandu jkun ikkl-klassifikat f'dak it-titlu li jikkorrespondi għall-użu prinċipali ta’ dik il-parti jew aċċessorju.”
- 7 Il-Kapitolu 87 bit-titolu “Vetturi ħlief magni u vaguni (Rolling-Stock) ta’ ferroviji jew linji tat-tramm, u partijiet u aċċessorji tagħhom”, li jinsab fit-Taqsima XVII tan-NM jinkludi l-intestatura 8710. Din l-intestatura tipprovd kif ġej:

“8710 00 00	Tankijiet u vetturi oħrajn korazzati tal-ġlied, immotorizzati, mgħammrin b'armi jew le, u partijiet ta’ dawn il-vetturi.....”
-------------	---

- 8 In-Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 93 bit-titolu “Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom”, li tinsab fit-Taqsima XIX tat-tieni parti tan-NM taħt “Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom”, tippreċiża:

“1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

[...]

c) vetturi tal-ġlied armati (titlu 8710) ;

[...]"

- 9 Dan il-Kapitolu 93 jinkludi l-intestaturi 9301 sa 9305 tan-NM:

“9301 [...]	Armi militari, ħlief rivolvers, pistoli u l-armi ta’ titlu 9307:
9302 00 00	Rivolvers u pistoli, ħlief dawk ta’ titlu 9303 jew 9304
9303	Armi tan-nar oħrajn u mezzi simili li jaħdmu bl-isparar ta’ karga ta’ splussiv [...]:
[...] 9304 00 00	[...] Armi oħrajn (per eżempju, xkubetti u pistoli bil-molla, bl-arja jew bil-gass, lembubi), ħlief dawk ta’ titlu 9307
9305	Partijiet u aċċessorji ta’ oġġetti ta’ titli 9301 sa 9304:
[...] 9305 20 00 9305 9100 9305 9900	[...] – Ta’ snieter jew azzarini ta’ titlu 9303, – Oħrajn: – – Ta’ armi militari ta’ titlu 9301, – – Oħrajn

Ir-Regolament (KEE) 2913/92

- 10 L-Artikolu 12(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta’ Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 82/97, tad-19 ta’ Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 179), jiaprovd:

“1. L-awtoritajiet doganali għandhom joħorġu nformazzjoni li torbot dwar tariffi jew informazzjoni li torbot dwar oriġini fuq talba bil-miktub, skond il-proċedura tal-kumitat.

2. Informazzjoni li torbot dwar tariffi jew informazzjoni li torbot dwar oriġini torbot l-awtoritajiet doganali fuq min ikollu informazzjoni biss dwar it-tariffa ta' klassifikazzjoni jew deċiżjoni dwar l-oriġini tal-oġġetti.

Informazzjoni li torbot dwar tariffi jew informazzjoni li torbot dwar oriġini torbot lill-awtoritajiet doganali biss rigward oġġetti li tagħhom ġew kompletati l-formalitajiet doganali wara d-data li fiha ġiet mgħoddija l-informazzjoni.”

Noti ta' spjega tas-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u l-kodifikazzjoni ta' merkanzija

11 Il-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (iktar 'il quddiem l-“ODD”), twaqqaf permezz tal-konvenzjoni li ħolqot l-imsemmi kunsill, konkluża fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 1950. Is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u għall-kodifikazzjoni ta' merkanzija (iktar 'il quddiem is-“SA”) tfasslet mill-ODD u twaqqfet permezz tal-Konvenzjoni internazzjonali dwar is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija, konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata, flimkien mal-protokoll li jemendaha tal-24 ta' Ġunju 1986, fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE, tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288). In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi tas-SA b'sitt numri. Huma biss is-seba' u t-tmien ċifri li joħolqu subintestaturi li huma speċifiċi għaliha.

12 In-noti ta' spjega tas-SA huma mfassla fi ħdan l-ODD skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni.

13 In-nota ta' spjega dwar l-intestatura 8710 tas-SA tippreċiża:

“Din l-intestatura tkopri, minn naħa, tankijiet u vetturi oħra korazzati tal-ġlied, armati jew le, u min-naħa l-oħra, il-partijiet ta' dawn il-vetturi.

It-tankijiet tal-ġlied jew tankijiet huma vetturi korazzati bil-katina, armati b'diversi armi offensivi (kanuni, mitraljatriċi, arma li titfa' n-nar, eċċ.). li jinsabu ġeneralment f'turretta rotatorja. [...]

Il-partijiet Din l-intestatura tkopri wkoll il-partijiet tal-vetturi korazzati msemmija hawn fuq, sa fejn dawn il-partijiet jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Għandhom ikunu identifikabbli għall-użu esku luu esklużiv jew prinċipali tal-imsemmija vetturi.
2. Ma jkunux esku luu skont in-noti tat-Taqsima XVII (ara l-kundizzjonijiet ġeneral ta' din it-taqsima). Dawn il-partijiet jinkludu:

1) Ix-xażi tal-vetturi korazzati u l-partijiet tagħhom (turrets, bibien u bonnets korazzati, eċċ.). [...]”

14 In-nota ta' spjega dwar l-intestatura 9305 tas-SA tipprovd़i:

“Il-partijiet u aċċessorji rilevanti ta' din l-intestatura jinkludu:

1. Il-partijiet ta' armi tal-gwerra, bħall-kanen (inklużi l-inforra tal-kanen), il-brejkijiet u l-briċ ta' kanuni ta' kull tip, turrets, muntaturi, trepiedi u mezzi oħra speċjali ta' appoġġ għall-kanuni, mitraljatriċi, submitraljatriċi eċċ., anki b'mekkaniżmu ta' ppuntar u ta' karika.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 15 GD hija kumpannija b'responsabbiltà limitata li tagħmel parti minn grupp globalment attiv fl-industrija tal-armi u li għandha bħala għan kummerċjali, b'mod partikolari, il-manifattura ta' tankijiet tal-ġlıed. Fil-25 ta' Frar 2014, din il-kumpannija ddikjarat, lill-uffiċċju doganali, merkanzija indikata bħala sistema ta' turretta ta' tankijiet tal-ġlıed, bil-ġħan tar-riłaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera tagħha fl-Unjoni.
- 16 L-uffiċċju doganali aċċetta r-riłaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-imsemmija merkanzija, u mbagħad informa lil GD bir-rata tad-dazju fuq l-importazzjoni dovut fir-rigward ta' din il-merkanzija, jiġifieri 1.7 %, kif stabbilit mill-klassifikazzjoni tal-imsemmija merkanzija taħt l-intestatura 8710 tan-NM. Fil-fatt, l-uffiċċju doganali kkunsidra li l-merkanzija kkonċernata kienet tikkonsisti f“turretta ta’ tankijiet tal-ġlıed, li [kienet] parti digħi identifikabbli installata għall-użu eskużiv jew prinċipali fit-tankijiet tal-ġlıed”. Skont il-qorti tar-rinvju, din il-komunikazzjoni tikkostitwixxi deċiżjoni fil-qasam tad-dazji doganali.
- 17 Fil-11 ta' Marzu 2014, GD resqet ilment kontra l-komunikazzjoni tal-uffiċċju doganali fejn talbet li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 9305 91 00 tan-NM, li tikkorrispondi għal “armi tal-gwerra”, u li timplika rata tad-dazju doganali ta' 0 %. Wara ċ-ċaħda tal-ilment tagħha mill-uffiċċju doganali, GD ippreżentat rikors quddiem il-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi, l-Awstrija).
- 18 Quddiem din il-qorti, GD ippreżentat informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fil-11 ta' April 2014 mill-Hauptzollamt Hannover (uffiċċju prinċipali doganali ta' Hanover, il-Ġermanja) fejn, fil-fehma tagħha, merkanzija identika għal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet ikklassefikata taħt is-subintestatura 9305 91 00 tan-NM.
- 19 Id-deskrizzjoni tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinsab fl-imsemmija informazzjoni tariffarja, li l-qorti tar-rinvju tirriproduċi fit-talba għal deċiżjoni preliminari. Din id-deskrizzjoni taqra kif ġej:
- “[...] din hija komposta minn diversi elementi tekniċi li huma integrati fil-parti l-kbira f'kostruzzjoni simili għal turretta magħmula minn metall komuni. Is-sistema ta' turretta tifforma l-bażi ta' stazzjon tal-armi u fil-biċċa l-kbira hija mgħammra b'subsistemi u elementi elenkat hawn taħt: propulsjonijiet elettriċi, stabbiliżżazzjoni konċentrika, tagħmir ta' viżjoni li jaħdem ottikament u elettronikament, inklużi d-displays u l-apparat tal-kontroll għall-persunal involut fl-operazzjoni (tiratur, kmandant), sistema [ta' gwida tat-tir], diversi sensors, sistema ta' ħżin ta' munizzjon u mekkaniżmi għall-alimentazzjoni tal-armi bil-munizzjon. Is-sistema hija intiża għall-installazzjoni ta' kanun awtomatiku u ta' mitraljatriċi (dawn iż-żewġ armi tal-gwerra ma jaqgħux taħt din l-informazzjoni tariffarja vinkolanti). L-interazzjoni bejn is-subsistemi msemmija tagħti lill-persunal involut fl-operazzjoni l-possibbiltà li juża l-kanun abbord u l-mitraljatriċi u għalhekk tippermetti li jsiru tiri mmirati. Is-sistema ta' turretta għandha tiġi installata fuq is-saqaf ta' sistemi ta' trasport mobbli marittimu u fuq l-art, b'mod rotatorju, jew ukoll fin-installazzjoni fissi.”
- 20 Fid-29 ta' Ottubru 2014, il-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi) ċaħdet ir-rikors ta' GD. Din il-qorti qieset is-sistema ta' turretta inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala parti minn tank tal-ġlıed, u kklassifikatha taħt l-intestatura 8710 tan-NM u indikat li l-informazzjoni tariffarja maħruġa mill-uffiċċju prinċipali doganali ta' Hanover ma setgħetx ikollha effett retroattiv.
- 21 GD ippreżentat appell kontra d-deċiżjoni tal-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi) li ċaħdet ir-rikors tagħha quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrativa, l-Awstrija). Din l-aħħar qorti nnotat li, skont il-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi), il-merkanzija li kienet tirreferi għaliha l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-uffiċċju prinċipali doganali ta' Hanover u ppreżentata minn GD hija l-istess bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, hija tqis li din l-informazzjoni tariffarja ma tapplikax għall-każ-żejjie peress li d-dikjarazzjoni tal-25 ta' Frar 2014 tippreċċedi l-adozzjoni tal-imsemmija informazzjoni tariffarja, fil-11 ta' April 2014.

- 22 Il-qorti tar-rinvju tippreċiża li l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet installata fuq vettura li għandha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8710 tan-NM bħala tank tal-ġlıed jew bħala vettura korazzata li topera awtomatikament. Madankollu, teżisti kontradizzjoni bejn in-noti ta' spjega dwar l-intestatura 8710 tas-SA, skont liema noti jaqgħu taħt din l-intestatura “[i]x-xażżejjet tal-vetturi korazzati u l-partijiet tagħhom (it-turretti, il-bibien u l-bonnets korazzati, eċċi)” u dawk dwar l-intestatura 9305 tas-SA, li minnhom jirriżulta li jaqgħu taħt din l-intestatura l-partijiet tal-armi tal-gwerra, b'mod partikolari, bħaq-turretti, il-mitraljatriċi u s-submitraljatriċi.
- 23 Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lin-nota 3 tat-Taqsima XVII tan-NM, li tipprevedi li huma biss dawk il-prodotti li huma intiżi b'mod esklużiv jew prinċipali ġħall-użu ma' prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 86 sa 88, b'mod partikolari, l-intestatura 8710 tan-NM, li jikkostitwixxu “partijiet” fis-sens ta' dawn il-kapitoli.
- 24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- “1) L-eċċeżżjoni tan-Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 93 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-verżjoni tiegħu applikabbli ġħall-fatti ta' din il-kawża, dwar '[t]ankijiet u vetturi oħrajn korazzati tal-ġlıed (Nru 8710) tħalli wkoll il-'partijiet' tagħhom?”
 - 2) In-Nota 3 tat-Taqsima XVII tan-Nomenklatura Magħquda għandha tiġi interpretata fis-sens li ‘stazzjon tal-armi (turretta ta' tank tal-ġlıed) li jista’ jintuża fuq tankijiet tal-ġlıed, fuq ‘sistemi ta’ trasport marittimu mobbli’ jew ukoll f'installazzjonijiet fissi għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 8710, bħala parti ta' tank tal-ġlıed, ladarba dan l-istazzjon tal-armi jkun ġie importat mill-manifattur tat-tank tal-ġlıed ġħall-produzzjoni jew ġħall-armar tat-tank tal-ġlıed u jkun fil-fatt użat għal dan l-iskop?”

Fuq id-domandi preliminari

- 25 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, essenzjalment, jekk in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li sistema ta' turrenta, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taqa' taħt l-intestatura 8710 jew taħt is-subintestatura 9305 91 00 tan-NM, fid-dawl tal-fatt li tkun għiet importata ġħall-produzzjoni jew ġħall-armar ta' tankijiet tal-ġlıed u li, sussegwentement, tkun fil-fatt intużat għal dan l-iskop.
- 26 Skont din il-qorti, li kieku din is-sistema titqies li hija parti minn tank tal-ġlıed, ikun hemm lok li tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8710 tan-NM, li tkopri preċiżament “[t]ankijiet u vetturi korazzati tal-ġlıed, mgħammrin b'armi jew le; [u] il-partijiet tagħhom”. Li kieku, ġħall-kuntrarju, din is-sistema titqies li hija parti jew aċċessorju ta' arma tal-gwerra, hija tkun taqa' taħt is-subintestatura 9305 91 00, li speċifikament tkopri dawn il-partijiet u aċċessorji ta' arma ta' gwerra.
- 27 Għandu jiġi rrilevat li meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun adita b'rinvju għal deċiżjoni preliminari fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja, l-irwol tagħha huwa li tagħti kjarifika lill-qorti nazzjonali dwar il-kriterji li permezz tagħhom il-qorti nazzjonali tkun tista' tikklasifika b'mod korrett il-prodotti inkwistjoni fin-NM, pjuttost milli tikklassifikahom hija stess, u dan iktar u iktar peress li hija mhux neċċarjament ikollha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha indispensabbi f'dan ir-rigward (sentenzi tas-7 ta' Novembru 2002, Lohmann u Medi Bayreuth, C-260/00 sa C-263/00, EU:C:2002:637, punt 26, kif ukoll tat-22 ta' Novembru 2012, Digitalnet *et al.*, C-320/11, C-330/11, C-382/11 u C-383/11, EU:C:2012:745, punt 61).
- 28 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli ġenerali ġħall-interpretazzjoni tan-NM jipprovu li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija għandha tiġi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli, peress li l-kliem tat-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli jew

tas-subkapitoli jitqiesu li għandhom biss valur indikattiv (sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Lukoil Neftohim Burgas, C-330/13, EU:C:2014:1757, punt 33, u tal-11 ta' Ġunju 2015, Baby Dan, C-272/14, EU:C:2015:388, punt 25).

- 29 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanziji għandu jiġi identifikat, b'mod ġenerali, permezz tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, hekk kif iddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura tan-NM u min-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2006 Proxxon, C-500/04, EU:C:2006:111, punt 21, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2015, Vario Tek, C-178/14, EU:C:2015:152, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 30 F'dan il-każ, għandu jiġi nnotat li, minn naħa, skont in-Nota 2(ij) tat-Taqsima XVII tan-NM dwar, b'mod partikolari, l-intestatura 8710 tan-NM, l-armi li jaqgħu taħt il-Kapitolu 93 tan-NM ma jitqisux li huma "partijet" jew "aċċessorji" ta' materjal ta' trasport kif imsemmi f'din it-taqSIMA, anki meta huma identifikabbli għall-użu ma' dan il-materjal ta' trasport. Min-naħa l-oħra, in-Nota 1(c) tal-Kapitolu 93 tan-NM speċifikament teskludi minn dan il-kapitolu, it-tankijiet tal-ġlied li jaqgħu taħt l-intestatura 8710 tan-NM.
- 31 Billi din l-intestatura tal-aħħar issemmi wkoll il-partijiet ta' tankijiet tal-ġlied, din l-esklużjoni ma hijiex neċċessarjament intiża biss għat-tankijiet tal-ġlied, iżda wkoll għall-partijiet tagħħom. Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk is-sistema ta' turretta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax titqies li hija "parti" ta' tank tal-ġlied, fis-sens tal-intestatura 8710 tan-NM. Fil-fatt, jekk dan huwa l-każ, din is-sistema ma titqies li hija arma, fis-sens tal-intestatura 9301 tan-NM u, konsegwentement, ma tkunx koperta mill-esklużjoni prevista min-Nota 2 (ij) tat-Taqsima XVII tan-NM.
- 32 Min-nota 3 tat-Taqsima XVII tan-NM jirriżulta li sistema ta' turretta bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' titqies li hija "parti" jew "aċċessorju" ta' tank tal-ġlied, fis-sens tal-intestatura 8710 tan-NM meta tkun intiża għall-użu "esklussiv" jew "prinċipali" għal tank tal-ġlied.
- 33 Il-qorti tar-rinvju tistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk l-użu finali ta' din is-sistema ta' turretta jikkostitwixx element essenzjali sabiex jiġi ddeterminat jekk l-imsemmija sistema għandhiex titqies li hija parti intiża għall-użu "esklussiv" jew "prinċipali" għal tank tal-ġlied.
- 34 Għandu jiġi nnotat li l-użu "esklussiv" jew "prinċipali" tal-imsemmija sistema ta' turretta trid tkun tista' tiġi vverifikata waqt l-isdoganament u, konsegwentement, meta tiġi eżaminata t-talba għar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera ta' din il-merkanzija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, ALKA, C-635/13, EU:C:2015:268, punt 37).
- 35 Minn dan isegwi li l-fatt li sistema ta' turretta ġiet importata għall-produzzjoni jew għall-armar tat-tank tal-ġlied u li, sussegwentement, tintuża effettivament għal dan il-iskop, minkejja li tista' tkun fattur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, ma jfissirx neċċessarjament li din is-sistema hija "esklussivament" jew "principally" intiża għall-imsemmija tankijiet, fis-sens tan-Nota 3 tat-Taqsima XVII tan-NM jew tan-Nota ta' Spjega tal-intestatura 8710 tas-SA.
- 36 Id-deċiżjoni tar-rinvju turi li s-sistema ta' turretta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi installata fuq is-saqaf ta' sistemi ta' trasport mobbli marittimu u fuq l-art, b'mod rotatorju, jew ukoll f'installazzjonijiet fissi. Minn dan isegwi li din is-sistema ta' turretta ma tistax titqies li hija parti "esklussivament" intiża għall-użu ma' tank tal-ġlied.
- 37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinvju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tagħha, l-imsemmija sistema ta' turretta hijiex "principally" intiża għal tank tal-ġlied. Jekk dan ikun il-każ, għandha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8710, mingħajr ma jkun determinanti f'dan ir-rigward l-użu finali li jsir minnha.

- 38 Jekk minn din il-verifika jirriżulta li dan ma huwiex il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li jkollha teżamina jekk is-sistema ta' turreta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skont l-informazzjoni pprovduta mill-imsemmija qorti ma hijiex "arma ta' gwerra", tistax minn tal-inqas titqies li hija "parti" jew "aċċessorju" ta' tali armi fis-sens tas-subintestatura 9305 9100 tan-NM.
- 39 F'dan ir-rigward, dwar il-partijiet u aċċessorji ta' magni, ta' apparat u ta' strumenti, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' "partijiet" jimplika l-preżenza ta' unità, li dawn il-partijiet ikunu indispesabbli għall-funzjonament tagħha, u l-kunċett ta' "aċċessorji" jinkludi l-elementi ta' tagħmir interkambjabbbli li jippermettu l-adattament ta' apparat għal xogħol partikolari jew li jagħtuh possibbiltajiet supplimentari jew li nkella jippermettlu li jwettaq servizz partikolari relatati mal-funzjoni prinċipali tiegħu. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u uniformi tat-tariffa doganali komuni, dawn id-definizzjonijiet għandhom ikunu applikabbi għall-intestatura 9305 tan-NM, u b'mod partikolari għas-subsistemi 9305 9100 tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Oliver Medical, C-547/13, EU:C:2015:139, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 40 Għandu jiġi osservat li, skont id-deskrizzjoni tal-qorti tar-rinviju tas-sistema ta' turreta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din is-sistema tista' titqies li hija "parti" jew "aċċessorju" ta' arma ta' gwerra, bħal kanun jew mitraljatriċi, fis-sens tas-subintestatura 9305 9100 tan-NM. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-imsemmija sistema ta' turreta tifforma l-bażi ta' stazzjon tal-armi u hija fil-biċċa l-kbira mgħammra b'diversi subsistemi u elementi, b'mod partikolari, bħall-propulsjonijiet elettriċi, tagħmir ta' viżjoni li jaħdem ottikament u elettronikament, inklużi d-displays u l-apparat tal-kontroll għall-persunal involut fl-operazzjoni (tiratur, kmandant), sistema ta' armi kkontrollata mill-bogħod, diversi sistemi ta' ħżin ta' munizzjon u mekkaniżmi għall-alimentazzjoni tal-armi bil-munizzjon, li jagħtu lill-imsemmi persunal l-possibbiltà li jużaw il-kanun abbord u l-mitraljatriċi u għalhekk jippermettu li jsiru tiri mmirati. L-istess sistema ta' turreta tippermetti l-installazzjoni ta' kanun awtomatiku u ta' mitraljatriċi.
- 41 Għaldaqstant, jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tagħha, jirriżulta li s-sistema ta' turreta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex intiża prinċipalment għal tank tal-ġlied, għandha titqies jew bħala "parti" ta' arma ta' gwerra, sa fejn tkun indispesabbli għall-funzjonament tal-kanun jew tal-mitraljatriċi installati, jew, minn tal-inqas, bħala "aċċessorju" ta' tali arma ta' gwerra, li jippermetti l-adattament ta' din tal-aħħar għal xogħol partikolari jew li jagħtiha possibbiltajiet supplimentari.
- 42 Din l-evalwazzjoni hija kkonfermata min-nota ta' spjega tal-intestatura 9305 tas-SA, li skonta l-partijiet ta' gwerra, b'mod partikolari, bħal "turretti, muntaturi, trepedi u mezzi oħra speċjali ta' appoġġ għall-kanuni, machine guns, sub-machine guns eċċ., anke b'mekkaniżmu ta' ppuntar u ta' karika" jaqgħu taħt din l-intestatura. Għaldaqstant, minn din in-nota ta' spjega, moqrija flimkien man-nota ta' spjega tal-intestatura 8710 tas-SA, jirriżulta li t-turretti, li ma jikkostitwixx parti mix-xażi ta' vetturi korazzati, huma partijiet ta' "armi ta' gwerra", sa fejn iservu ta' sostenn għall-funzjonament jew għall-użu ta' dawn l-armi.
- 43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sistema ta' turreta inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 9305 9100 tan-NM.
- 44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmulu għandha tkun li n-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li sistema ta' turreta, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet importata għall-produzzjoni ta' tankijiet tal-ġlied u, sussegwentement, tkun fil-fatt intużat għal dan l-iskop, taqa' taħt l-intestatura 8710 tan-NM jekk tkun "prinċipalment" intiża għal tank tal-ġlied, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi u għall-proprjetajiet oġġettivi ta' din is-sistema ta' turreta, mingħajr ma l-użu finali tagħha jkun determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-imsemmija sistema ta' turreta, bħala parti jew aċċessorju ta' "armi ta' gwerra", għandha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 9305 9100 tan-NM.

Fuq l-ispejjeż

- 45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

In-nomenklatura magħquda fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, fil-verżjoni tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013, tal-4 ta' Ottubru 2013, għandha tiġi interpretata fis-sens li sistema ta' turretta, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet importata għall-produzzjoni ta' tankijiet tal-ġlied u, sussegwentement, tkun fil-fatt intużat għal dan l-iskop, taqa' taħt l-intestatura 8710 tan-NM jekk tkun "principally" intiża għal tank tal-ġlied, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju, b'kunsiderazzjoni għall-karakteristiċi u għall-proprietajiet oġġettivi ta' din is-sistema ta' turretta, mingħajr ma l-użu finali tagħha fil-każ ineżami jkun determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-imsemmija sistema ta' turretta, bħala parti jew aċċessorju ta' "armi ta' gwerra", għandha tiġi kklasifikata taħt is-subintestatura 9305 9100 tan-nomenklatura magħquda.

Firem